MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 335/2012

**AB**
**vs**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

1. Illi l-kontendenti izzewgu fl-erbatax (14) ta' Awissu tas-sena 1986, liema zwieg jinsab registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv 1422/1986 (Dok. A);
2. Illi miz-zwieg taghhom kellhom zewgt itfal, P li twieled fid-29 ta' Jannar tas-sena 1990 u E li twieldet fit-2 ta' Lulju tas-sena 1998;
3. Illi l-kontendenti ilhom aktar minn erba' (4) snin qabel illum separati de facto minn ma xulxin;
4. Illi l-kontendenti kienu infirdu minn xulxin bis-sahha ta' kuntratt ta' separazzjoni ppublikat minn Nutar Clinton

Bellizzi datat tnax (12) ta' April tas-sena 2010, kopja hawn annessa bhala Dokument B;
5. Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-kontendenti kienu irregolaw, inter alia, l-obbligi tal-hlas tal-manteniment, liema manteniment gie dejjem imhallas b'mod puntwali;
6. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli li l-kontendenti jirrikonciljaw;
7. Illi l-esponenti jixtieq jipprevalixxi ruhu mid-dispozizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 66B et seq tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u jitlob li jigi ppronunzjat id-divorzju bejn il-kontendenti;
8. Illi peress li l-kontendenti huma mifruda permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, ma huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 66B et. seq. tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, previa s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ukoll sabiex tigi stabilita l-esistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66 C;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Gunju, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-12 ta' April 2010, ilhom aktar minn erbgha snin de facto separati minn ma xulxin;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi huwa dejjem kien u ghadu puntwali fil-hlas tal-manteniment dovut lill-intimata;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------